MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2014

Numru. 1220/2012

**Il-Pulizija**

**[Spettur Anne Marie Xuereb]**

**vs**

**Joseph Francis Scerri**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Francis Scerri detentur tal-karta tal-identita` numru 214062(M).

Akkuzat talli fix-xahar ta` Lulju 2012 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f`dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex jqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' l-ahwa ***Paul Schembri, Emanuela Schembri u Joseph Schembri****;*

2. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' l-ahwa ***Paul Schembri, Emanuela Schembri u Joseph Schembri,*** liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u l-istess somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu;

3. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentament ghamel uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati ;

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu

373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti;

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat ikkontesta l-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali li bihom ta l-kunsens tieghu sabiex din il-Qorti titttratta u tiddeciedi din il-kawza bi procedura sommarja u dawn huma:

1. Artikoli 18, 308, 309 u 310 (1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Artikoli 18, 187(1), 187(2) u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Artikoli 23, 23A u 23B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll illi l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex din il-Qorti kif komposta tiddeciedi dawn il-proceduri;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz ix-xhieda u d-dokumenti kollha kif ukoll semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat;

Rat illi fir-rinviju tal-Avukat Generali datat sittax (16) ta' Dicembru elfejn u tlettax (2013) huwa talab sabiex jizdied l-addebitu tar-recidiva izda din qatt ma saret u l-anqas tidher fl-Artikoli tieghu a fol 626 tal-process; u

Rat iz-zewg stqarrijiet tal-imputat Joseph Francis Scerri datati dsatax (19) ta' Novembru u fl-ghoxrin (20) ta' Novembru elfejn u tnax (2012) fejn inghataw wara d-debita twissija skont il-ligi u anke d-dritt li jikkonsulta avukat ta' fiducja tieghu (Dok. AM2 u Dok. AM3).

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat frodi min-naha tal-imputat kontra diversi persuni tal-istess familja. Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

Certu Paul Schembri li kien jaf lill-imputat ghax kien mill-istess rahal avvicina lill-imputat sabiex jinvestilu xi flus. Hu kien minghalih li kien qed jinvestihomlu gewwa l-bank tal-Vatikan u go kumpannija taz-zejt l-Ingilterra u Dubai. Il-persuna li introduciet lil Schembri mal-imputat kien certu Mario Gauci li sussegwentement ukoll gie ffrodat mill-istess imputat.

L-imputat Joseph Francis Scerri kien gej minn ambjent ta' banek u ghalhekk dawn iz-zewg min-nies kienu afdawh bi flushom. Illi skont il-prosekuzzjoni, l-imputat kien iffabbrika certifikati foloz sabiex juri l-awtenticita` tal-finanzi li suppost kien investa. Dawn ic-certifikati foloz gew ipprezentati u jinsabu a fol 34 *et seq* tal-process. Ukoll, l-imputat iffabrika ittra minghandu certu Professor Alberto Cerrutti li suppost kien qed jirraprezenta lill-investimenti tal-Empire State Buildings li fuqhom hemm id-dettalji ta' Paul Schembri u fuqu hemm l-investimenti li kien ghamel Paul Schembri mal-istess imputat (Dok AM 7).

Mal-istejjer li kien jghid lil Schembri l-imputat kien ukoll jirrakontalu illi kien ser jiftah bak f'Tas Sliema tant li wrielu l-pjanti tieghu, kif ukoll li kien ser ikollu investimenti fil-progett tal-mina bejn Sqallija u Malta. Finalment, meta Schembri kellu xi investiment kien ser jaghlaq, dan investihom mal-imputat.

Illi meta gie mitkellem Mario Agius sabiex jispjega l-involviment tieghu f'din il-bicca, huwa qal illi kien jahseb illi l-imputat u Paul Schembri kienu shab.

Minn stharrig li ghamlet il-prosekuzzjoni, hija rnexxielha tilhaq ghal xi cifri illi Schembri kien investa mal-imputat u cioe':

- hames mija u tmienja u hamsin elf u seba' u sittin Ewro;
- mija u tnejn u disghin elf u wiehed u erbghin Sterlina; u
- tlieta u disghin elf u seba' mija u hamsa u disghin Dollaru.

Mill-interrogazzjoni li ghamlet il-prosekuzzjoni tal-imputat, hareg illi huwa kien jixtri dawk it-timbri u fil-fatt huwa kien jiffabbrika dawk ic-certifikati li ssemmew hawn fuq. Huwa kkonferma wkoll illi t-timbri u l-firem kontenuti f'dawk id-dokumenti huma kollha foloz ukoll u dan ghaliex Paul Schembri kien dejjem jinsisti illi huwa ried xi prova tal-investimenti tieghu. Fil-fatt l-imputat kien jaghti cekkijiet lill-istess Schembri u dawn kien jghidlu sabiex ma jsarrafhomx. Dawn huma esebiti u jinsabu a fol 32, 33, 36, 37, 40, 41, 44, 45, 48 – 51, 54, 55, 58, 59, 62, 63, 66, 67, 70, 71, 76, 77, 80, 81, 84, 85, 88, 89, 91, 92, 97, 98, 101, 102, 104, 105, 108, 109, 111, 112, 115, 116, 119, 120, 123, 124, 127, 128, 131, 132, 135, 136, 151, 152, 155, 156, 159, 160, 163, 164, 167, 168, 171 – 173, 180, 181, 186, 187, 183, 184, 189, 190, 193, 194, 197, u 198.

Meta l-imputat gie mistoqsi x'kien ghamel bil-flus li kien tah Paul Schembri, huwa qal illi kellu investimenti fil-karrozzi li kien mar hazin u ghalhekk kien tilef dawn il-flus.

**XHIEDA**

Xehdet bil-gurament **Emanuela Schembri** li hija oht Paul Schembri fejn qalet illi huha Paul kien introduciha mal-imputat fejn huwa kien hajjarha sabiex tinvesti mieghu u dan wara li hu kien gie introdott mal-imputat minn Mario Gauci. Hija fil-fatt kienet tat lill-imputat bejn hamsa u sittin elf (65, 000) jew sebghin elf (70, 000) Ewro.

Huwa kien qallhom li ser jinvestihom fl-Empire State izda minn dawn l-investimenti huma la raw kapital u wisq anqas imghaxijiet. Kien dejjem igibilhom hafna skuzi sabiex jirrimanda.

Xehed ukoll **Paul Schembri** fejn min-naha tieghu kkomferma x'kienet xehdet ohtu Emanuela u kompla jghid illi kien fis-sena 2010 f'Mejju li kien iltaqa' mal-

imputat tramite Mario Gauci u dan hajjru sabiex jinvesti mieghu ghaliex Mario kien diga` kien investa mal-imputat.

Huwa qal illi minn dik id-darba stess beda jafdah tant li tah cekk ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro (EUR 25,000) u mbaghad gimgha wara tah cekk iehor ta' hmistax il-elf Ewro (EUR 15,000). L-imputat kien dejjem iserrahlu rasu illi l-investimenti tieghu kienu fis-sod u li kien ser jehodhom lura. Kien jghidlu li l-investimenti tal-Empire State kienu mferrxin mad-dinja kollha. Meta Schembri kien jghidlu jekk jistax jinvesti x'imkien iehor sabiex ma jkollux kollox f'basket wiehed, huwa ipproponielu li jinvesti fid-Djocesi u fix-Chevron. L-imputat kien dejjem jghidlu illi kien ser igibhom wara sentejn.

Schembri kkonferma illi huwa ta lill-imputat hlasijiet fuq medda ta' sentejn u wara li ghaddiet sena u ma ra xejn mill-imghax u beda jsaqsi lill-imputat meta kien ser jara xi haga, huwa kien ikkonvincieh sabiex jistenna sena ohra ghaliex l-interessi migbura kienu ser jiggeneraw aktar interessi u huwa emmnu.

Ftit wara beda jitkixxef fuqu u kullhadd beda jghidlu biex ma jafdax fl-imputat. Huwa minn hemmhekk sar jaf bl-inganni tal-imputat kif ukoll illi ic-certifikati esebiti u indikati aktar 'il fuq kien ghamilhom l-imputat stess.

Xehed ukoll **Joseph Schembri** li jigi wkoll hu Paul Schembri li wkoll investa xi flus ma huh Paul. Hu xehed li b'kollox investa tletin elf Ewro (EUR 30,000) u mistoqsi jekk kienx ha xi haga minnhom, huwa rrisponda illi ghaxart elef Ewro (EUR 10,000) kien tahomlu huh Paul u l-ghaxart elef Ewro (EUR 10,000) l-ohra kien tahomlu l-imputat. Huwa fil-fatt kien qallu li kien itih flus kemm irid. Izda dan mhux l-ammont kollu ghaliex l-imputat kellu jtih il-bqija u cioe` xi ghaxart elef ewro (EUR 10,000) ohra. L-imputat kien wehdu imghaxijiet bi tlettax (13) u bil-hmistax (15) fil-mija.

Xehed ukoll **Mario Gauci** li hu kien il-persuna li sar jaf lill-imputat l-ewwel fejn dan kien imur il-hanut ta' Gauci u kien hajjru sabiex jinvesti mieghu. Dan jghid illi ghall-ewwel kien itih lura l-investimenti tieghu izda imbaghad, wara certu zmien kien waqaf u fi kliemu "garrli kollox, kaxkarni haj". Dan gara xi sentejn wara.

Gauci xehed ukoll illi nel frattemp Scerri kien hajjru sabiex igiblu aktar nies jinvestu ghandu u hu gablu lil Pawlu Schembri.

Xehed ukoll **Michael Grech** li jmexxi agenzija ta' investimenti fejn Paul Schembri kien klijent tieghu. Darba minnhom cempillu dan Schembri u

staqsieh fuq l-imputat izda x-xhud ma kienx jaf min hu. Schembri qallu illi l-imputat kien qallu illi huwa kien shab max-xhud fuq xi progett izda Grech ma kien jaf b'xejn u nnega kull involviment mal-imputat. Schembri qallu li dan kompla jafda fih ghaliex kien ra numru ta' cekkijiet vojta ta' Grech u ghalhekk kellu aktar il-kuragg sabiex jinvesti mieghu. Fil-fatt hemm kawza fuq din il-kwistjoni. L-imputat kien qal lil Schembri wkoll illi x-xhud u hu kienu ser jifthu xi bank tas-Sliema u fil-fatt kien wrielu xi pjanti ta' dan il-bank. Grech innega dan ukoll u ta' parir lil Schembri sabiex imur ghand il-pulizija u jaghmel rapport kontra l-imputat.

Xehed rapprezentant tal-bank Bank of Valletta plc **Romuald Attard** li esebixxa serje ta' kontijiet tal-imputat u xehed li l-erba' kontijiet li kien hemm attivi kollha kienu fir-"recoveries" ghax kien hemm djun dovuti lill-bank fl-ammont ta' disgha u sebghin elf mitejn u wiehed u sebghin Ewro (EUR 79, 271) u kien hemm tliet (3) "freezing orders" kontra l-imputat.

Ghad-difiza xhieda principali kienu l-imputat stess **Joseph Francis Scerri** u **Alan Magro**.

L-imputat bazikament irritratta dak li kien qal fl-istqarrija tieghu b'dan illi xehed illi kien Paul Schembri li kien avvicinah sabiex jaghmel xi investimenti mieghu.

Kien l-istess Paul Schembri illi kien igib l-informazzjoni kontenuti fic-certifikati esebiti u msemmija aktar 'il fuq f'din is-sentenza, liema informazzjoni kienet tinkludi l-isem tal-investiment, kif ukoll id-dettalji l-ohra li solitu ssib f'dawn ic-certifikati. Skont l-imputat, Schembri kien igib din l-informazzjoni minghand ir-ragel ta' ohtu.

Meta l-imputat gie mistoqsi ghaliex ma tax din il-verzjoni fl-istqarrija, huwa xehed illi ma jafx ghala kif ma kienx jaf jirrispondi ghaliex Paul Schembri kien gie ghandu bl-informazzjoni lesta u biex jinvesti flus f'investimenti fittizzji.

Skont l-imputat, Paul Schembri ried li jaghmel investimenti fittizzji u l-flus illi kien jaghtih kienu intizi ghall-investimenti li ma jidhrix bhal fil-karrozzi peress li l-imputat kellu negozju tal-karrozzi ma' certu Alan Magro. Issa, meta Paul Schembri u huh raw illi n-negozju tal-karrozzi beda jmur hazin, skont l-imputat, huma bdew jirrikattawh li jmorru jirraportawh id-Depot u fil-fatt hekk sar wara li huma ma hadux flushom.

Finalment il-Qorti semghet ix-xhieda ta' Alan Magro mugjub mid-difiza li ghamel zmien shab fin-negozju tal-karrozzi mal-imputat Scerri. Huwa qal illi ltaqa' mal-imputat tramite l-mara tieghu fejn hija staqsietu sabiex jiehdu mieghu xi drabi l-Ingilterra sabiex jixtru l-karrozzi. Illi huwa xehed illi kien

hemm diversi drabi fejn kienu igibu karrozza bi shab u mbaghad tisparixxi u hu ma jarax sehmu minnha minghand l-imputat. Nel frattemp, ix-xhud kellu in-negozju tieghu principali tal-karrozza li ma kellux x'jaqsam mieghu l-imputat. Huwa jghid illi din ir-relazzjoni kummercjali ta' bejniethom damet biss xi erba' xhur meta darba minnhom kienu gew xi nies ix-"showroom" ta' Magro irrabjati ghall-imputat u minn dakinhar 'il hawn qatt ma rah aktar.

**PRINCIPJI LEGALI**

Illi l-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment:

> *"Kull min, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi jaghmel uzu ta ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi juri haga b'ohrabsabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor . . . .".*

Illi l-gurisprudenza nostrali dejjem kienet illi sabiex tissussisti r-reat ta' truffa mhix bizzejjed is-semplici gidba, izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita` lil dik il-gidba.

Fil-fatt, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell bl-ismijiet ***Pulizija v. George Manicolo (deciza 31 ta' Lulju 1998 Onor P. Vella)*** intqal hekk:

> *"Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke atti teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajjmu sentiment kif hemm indikati fl-Artikolu 308 hawn fuq citat. Irid ikun hemm il-messa in xena, u ghalhekk, kif intqal, il-gideb wahedhom mhumiex sufficjenti. Iridu jkunu atti, inkluz kliem helu u perswassiv, li jwasslu lil xi hadd jemmen fl-ezistenza ta' xi haga msemmija mill-frodatur, liema haga, in realta`, ma tezistix. Minbarra l-gideb ghalhekk, irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jigi lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann, ghalhekk, ghandu ikun akkumpanjat b'artifizji kwazi teatrali u mhux semplicement weghdiet, promessi u kliem semplici. Dan hu element ferm importanti fir-reat ta' frodi. Biex ikun hemm dawn l-artifizji, mhux bizzejjed il-kliem wahdu, izda dan il-kliem ghandu jkun elokwenti, studjat u perswassiv; ma dan it-tip ta' kliem ghandu jkun hemm xi haga esterna li apparentement tikkonferma u tipprova l-fatti assenti, cjoe' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjoni menzjoniera tal-frodatur.*
>
> *Din il-messa in xena hi maghmula minn dawn l-artifizji jew raggiri idonei li jinducu u fil-fatt ikunu inducew lill-vittma fi zball u li bhala rizultat ta' dan l-izball, il-vittma taghmel jew tonqos li taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondent qligh ghall-agent frodatur."*

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

Illi meta tara xi tghid il-gurisprudenza nostrali u tinterponiha mal-fatti tal-kaz in ezami, l-elementi kollha jaqblu. Illi l-imputat gideb lill-familja Schembri fuq l-investimenti li kellu, iffabrika certifikati foloz u ghamel firem foloz fuqhom sabiex ikompli jinduci lil Schembri sabiex jemmnuh u dan b'ammissjoni tieghu stess.

Il-fatt illi l-imputat, fix-xhieda tieghu qal illi l-kontenut ta' dawn ic-certifikati kien jigi bihom Paul Schembri u hu kemm kien jimla c-certifikati, bir-rispett kollu hija tezi li ma tistax titwemmen. Illi l-Qorti kellha l-okkazjoni li tifli sewwa l-istqarrijiet tal-imputat mehuda b'mod volontarju u wara li nghataw id-drittijiet kollha rikjesti mil-ligi, fejn dan kwazi ammetta r-reati addebitati lilu u fl-ebda parti tal-istqarrijiet ma semma' dan il-fatt. Illi, li jigi fl-istadju meta jaf li ma jistax jigi immeri minn Paul Schembri ghaliex kien miet fil-mori tal-proceduri, hija xi haga vili u odjuza min-naha tal-imputat.

Illi l-Qorti kellha l-okkazjoni wkoll li tisma' kif kienu jsiru dawn ir-raggiri sabiex l-imputat jiehu il-kunfidenza ta' dawn in-nies. Kienu jafu li gej minn sfond ta' xoghol fil-bank, kien jurihom dawn ic-certifikati, ittri minn professuri Taljani, u kliem iehor manipulattiv sabiex qatt ma jaghtihom il-flus lura.

Gideb iehor kienu investimenti fittizzji f'banek u progetti ohra ma' persuni prominenti fil-qasam tal-investimenti li dawn ovvjament gew negati mill-istess persuni.

Fl-ahhar mill-ahhar, l-imputat kien jaf li kien qieghed jimbrolja persuni ta' intelligenza baxxa u ta' ftit skola u ghalhekk kienu aktar suxxettibli li jaqghu fin-nassa li kien ikkreja l-imputat.

Finalment, il-Qorti kellha l-okkazjoni li tisma' ix-xhud in difeza Alan Magro li ma kellu l-ebda kliem ta' tifhir ghall-imputat anzi hu stess pingih bhala persuna li ma tistax tafdah u li ghandu jaghti l-flus lilu wkoll minhabba xi negozju tal-karrozzi li kellhom flimkien.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat Artikoli 18, 23, 23A u B, 293, 294, 187(1), 187(2) u 189, 308, 309 u 310 (1)(a), 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Joseph Francis Scerri hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal sentejn (2) u hames (5) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------